**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal de Justiça – il-Portugall) – P vs M**

**(Kawża C-507/14)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Assenza ta' dubju raġonevoli — Ġurisdizzjoni f'materja ċivili — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Artikolu 16(1)(a) — Determinazzjoni tad-data li fiha qorti tkun adita — Talba għas-sospensjoni tal-proċedura — Assenza ta' effett)***

(2015/C 320/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal de Justiça

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* P

*Konvenuta:* M

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 16(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti titqies li hija adita fid-data li fiha l-att promotur jew att ekwivalenti huwa ppreżentat quddiem din il-qorti, anki meta l-proċedura sadanittant ġiet sospiża fuq inizjattiva tal-applikant li kien ippreżentaha, mingħajr ma l-imsemmija proċedura ġiet innotifikata lill-konvenuta la li din tal-aħħar kellha konjizzjoni tagħha jew tkun intervjeniet b'ebda mod, sakemm l-applikant ma ttraskurax wara li jieħu l-miżuri li kien obbligat li jieħu sabiex l-att ikun innotifikat lill-konvenuta.*

([1]) ĠU C 65, 23.02.2015.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Lulju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Audiencia Provincial de Castellón) – Spanja – Juan Carlos Sánchez Morcillo, María del Carmen Abril García vs Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA**

**(Kawża C-539/14)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Direttiva 93/13 KEE — Artikolu 7 — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 7 u 47 — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Kuntratt ta' self ipotekarju — Klawżoli inġusti — Proċedura għall-eżekuzzjoni ta' ipoteki — Dritt ta' appell)***

(2015/C 320/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Castellón